MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR.
### CAROL PERALTA

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2014

Numru. 201/2008

PULIZIJA

**SPETTUR NIKOLAI SANT**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**VS**

**STEPHEN SCHEMBRI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Schembri, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 434370 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Nhar is-6 ta` Marzu, 2008, gewwa Triq is-Santu Rokku, Birkirkara, ghal habta tas-saghtejn nieqes kwart ta` filghodu (01:46hrs), bil-hsieb li jaghmel delitt, wera da nil-hsieb b'atti esterni, billi dolozament bil-hseib li jikkometti omicidju jew li jqieghed il-hajja f'periklu car ta` Francis Farrugia u ibnu Jonathan Farrugia minn Birkirkara, ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema tentattiv ta` omicidju ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin taht l-istess cirkostanzi kellu fil-pusess tieghu jew taht il-kontroll tieghu, u garr barra minn xi fond arma tan-nar minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
3. U aktar talli fl-istess lok, data, hin taht l-istess cirkostanzi, minghajr licenzja tal-Pulizija, spara arma tan-nar f'post abitat, jew fi qrib tieghu jew fit-toroq pubblici.

Il-Qorti giet gentilment miltluba li tordna l-konfiska tas-*senter* tal-kacca tal-marka **Beretta** imsemmi fl-akkuzi aktar il-fuq bhala parti formanti mill-*corpus delicti*.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a) u 211 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 24 (1) tal-Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa, u semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat kif ukoll ghal fatt illi l-incident jirrisali ghal aktar minn sitt snin ilu, u wara li l-Qorti nnotat illi l-imputat ikkopera mal-Awtoritajiet Investigattivi u kwazi dejjem attenda s-seduti quddiem dina l-Qorti;

Wara lli hadet in konsiderazzjoni s-serjeta tal-akkuzi migjuba kontrih;

Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` tmintax (18) –il xahar, izda a tenur tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, dina l-Qorti qed tordna li din is-sentenza ma tibdiex issehh sakemm l-imputat jikkommetti reat iehor li ghalih hemm terminu ta` prigunerija fiz-zmien tlett (3) snin mil-llum.

Il-Qorti qiedgha tordna l-konfiska tal-arma tal-marka **Beretta** esebita f’dawn il-proceduri.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------